## Prattika devozzjonali marbuta max-xbieha tan-Nażżarenu fil-knisja parrokkjali ta' Sannat b'risq l-agoniżżanti

Fil-knisja parrokkjali ta' Sannat, sewwasew fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju fil-kappellun tal-punent fl-istess knisja, wieħed jilmaħ sotto-kwadru ta' Ġesu' Nażżarenu. Iżda din ix-xbieha ta' Ġesu' Nażżarenu ma kinitx minn dejjem fuq dan l-artal. Għalkemm kienet tinsab fl-istess kappellun, sas-snin 50 tas-seklu 20 din ix-xbieha kienet imdendla fejn hemm il-bieb fittizju taħt il-kwadru ta' San Ġwann l-Evanġelista u kien ikollha wkoll lampier jixgħel quddiemha. Imbagħad fuq l-artal fl-istess kappellun, taħt il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, kien hemm niċċa ta' l-injam bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu' xogħol tad-ditta Franċiża *L. Ramat Statuaire*.[1] Din l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu' għadha tinsab fl-istess kappellun iżda ġewwa niċċa fil-bieb li mill-istess kappellun jagħti għal fuq iz-zuntier tal-knisja.

### Ix-xbieha ta' Ġesu' Nażżarenu

Din ix-xbieha aktarx kienet tpittret f'Malta lejn il-bidu tas-seklu 20. Kienet swiet is-somma ta' seba' liri li kienu ġew imħallsin mill-benefattur Anġlu Buttigieg minn Ta' Ċenċ. L-istess Anġlu Buttigieg kien ħalla wkoll ħames liri biex ikunu jistgħu jiġu mixgħulin ix-xema' quddiem din ix-xbieha u kien ħa ħsieb ukoll għall-ispejjes ta' lampier ċkejken biex jiddendel u jinxtegħel quddiem din l-istess xbieha tan-Nażżarenu.[2] Fil-parroċċa ta' Sannat kien hemm devozzjoni kbira lejn din ix-xbieha.

### Devozzjoni partikulari b'risq l-agoniżżanti

Fis-sena 1760 kienet twaqqfet fil-parroċċa ta' Sannat is-Sodalita' ta' l-Agunija jew ta' l-Agoniżżanti. Ġie li ssejħet ukoll tal-Vjatku Mqaddes. Din is-Sodalita' kienet ġiet imwaqqfa fil-parroċċi kolla ta' Għawdex (inkluża dik ta' Sannat) b'digriet tal-isqof Rull tas-7 ta' Ġunju 1760. Bħala l-ewwel prokuratur tas-Sodalita' f'Ta' Sannat, kien inħatar Anton Attard. F'Ta' Sannat, is-Sodalita' kienet ħaġa waħda mal-fratellanza tas-Sagrament u l-iskop tagħha kien li tagħti attenzjoni sħiħa lill-agoniżżanti.[3]

Sa ftit żmien qabel ma tpoġġa fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju – meta, allura, kien għadu mdendel fejn hemm il-bieb fittizju taħt il-kwadru ta' San Ġwann l-Evanġelista – il-kwadru ta' Ġesu' Nażżarenu kellu ħdejh u mdendla mal-ħajt tabella mdawwra fil-ħġieġ bi gwarniċ iswed.

Din it-tabella kien fiha lista ta' ntenzjonijiet (madwar erbgħin waħda) lkoll indirizzati lil Ġesu' Nażżarenu għall-agoniżżanti. Dawn l-intenzjonijiet kienu wkoll numerati. Imbagħad taħt il-kwadru tan-Nażżarenu kien hemm kaxxa żgħira sewda ta' l-injam imdendla ma' għuda u ġo din il-kaxxa kien hemm buċċetti bin-numri fuqhom u li kienu jikkorrispondu man-numri tal-intenzjonijiet li kien hemm fil-lista fuq it-tabella. Meta kienu jidħlu fil-knisja, bosta ndividwi kienu jtellgħu buċċetta minn ġol-kaxxa (jew iqabbdu 'l xi ħadd mit-tfal tagħhom biex jagħmel dan), jaraw in-numru tal-buċċetta ma' liema minn fost l-intenzjonijiet numerati li kien hemm fuq it-tabella kien jikkorrispondi, u kienu jgħidu talba lil Ġesu' Nażżarenu għall-agoniżżanti skond dik l-intenzjoni partikolari li man-numru tagħha kien ikun jikkorrispondi n-numru tal-buċċetta mtellgħa.

It-tabella msemmija kienet qadima sew tant li anke kienet mittiekla mid-dud. Din it-tabella flimkien mal-kaxxa tal-buċċetti aktarx li kienu tneħħew ftit taż-żmien qabel ma l-kwadru tan-Nażżarenu ġie trasferit għal fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju fejn għadu sal-lum.[4] Mat-tneħħija tat-tabella u l-kaxxa tal-buċċetti, spiċċat ukoll prattika devozzjonali mhix daqstant komuni.

**Noti u Referenzi:**

1. Isem id-ditta Franċiża jidher indikat fil-ġenb tal-bażi ta' l-istess statwa. Louis Ramat kien xtara d-ditta *Galard et Fils Statuaire* (li kienet ħadmet l-istatwa titulari ta' Santa Margerita li nġabet fl-1891) u taha isem ġdid: *L. Ramat Statuaire*.
2. Tagħrif ibbażat fuq informazzjoni mogħtija f'diversi okkażjonijiet mis-sur Salvu Buttigieg (illum, mejjet), in-neputi ta' Anġlu Buttigieg.
3. BEZZINA, J. 1989. *Sannat fi Ġrajjet Għawdex*, Gozo: Parroċċa ta' Sannat, 258-9.
4. Tagħrif ġentilment mogħti nhar it-Tlieta, 21 ta' Settembru 2004 minn Dun Anton Bajada li jiftakar tajjeb din il-prattika devozzjonali.